MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2003

Numru. 545/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**v**

**Sebastian Farrugia**
**ta' 26 sena bin Angelo u Rita nee Apap, imwieled Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru, 1975, u residenti Corner Flats, Flat 2, Triq Capatocia, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 40476 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Sebastian Farrugia li gie akkuzat talli f'H'Attard nhar is-6 ta' Lulju, 2002, ghall-habta ta' nofs inhar flimkien ma' persuna ohra ikkommettew serq ta' handbag kontenenti diversi oggetti u cioe mobile phone tal-marka Nokia, dokumenti u flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Victoria Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf (Lm 1000) lira Maltin, u li sehh ghad-dannu ta' l-istess Victoria Borg.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Victoria Borg skond kif gie ccertfikat minn Dr Artemis Viastarakov MD ta' l-isptar San Luqa.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li fl-10 ta' Lulju, 2002 l-akkuzat irregistrat li ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali procedura kif ukoll li fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2002 l-akkuzat irregistra l-ammissjoni tieghu.

Sar pre-sentencing report fuq ir-rikjesta ta' l-istess avukat difensur, fil-fatt il-Probation Officer Carmen Borg esebiet l-istess fl-4.-10.02.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet id-debita trattazzjoni.

In vista ta' l-ammissjoni tieghu qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom wara li rat l-artikoli 261, 262, 263, 267, 278, 21, 279 u 17 tal-Kap 9.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali tieghu ma tistax ma tikkummentax dwar dak li qal l-Avukat Difensur fit-trattazzjoni tieghu u cioe li l-akkuzat m'ghndu ebda problema ta' droga. Anzi jirrizulta l-oppost mill-istess pre-senencing report minnu mitlub. Ikkunsidrat ukoll li l-

akkuzat ammetta parti mis-serqa fl-istatements tieghu kif ukoll li fil-mori tal-kawza huwa hallas lil Victoria Borg is-somma minnha sofferta.

Ghaldaqstant qed tikkundannah ghal sena habs sospizi ghal tliet snin wara li rat l-art 28A tal-kap 9.

Rat ukoll l-art 28G, tqeghdu taht ordni ta’ supervizjoni ghal zmien sena mil-llum u tahtar ghal dan l-iskop lil Probation Officer Carmen Borg, b’dan illi hu ghandu jobdi dawk id-direttivi kollha lilu moghtija b’mod spejcali li jerga’ jibda jsegwi programm fi hdan l-Agenzija Caritas jew kwalunkwe kura ohra lil Probation Officer tqis xieraq dan wara li jigi kkonsultat Dr Grech (Detox).

Rat l-art 23 tal-Kap 9, tordna l-konfiska tal-vettura GAH-123 in kwantu tali konfiska hija konsegwenza tal-piena kif stabbilita mil-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------